# Juan Mamo - Teżor li għadu moħbi

*Kunsillier Josef Azzopardi*
*B.Ed (Hons) (Melit.), Dip.Pol.Stud (Melit.)*

Juan Mamo twieled fid-19 ta' Settembru 1886 ġewwa l-Parroċċa ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa. Jidher li sa min eta' żgħira li huwa kien qed irawwem fih imħabba lejn l-istudju. Minkejja l-imħabba li kellu lejn it-tagħlim huwa ma kienx daħal l-Universita' wisq probabli minħabba li ma kienx iben is-sinjuri u allura ma kellux min iħallaslu għall-istudju.

It-tagħlim tiegħu ma ħadux biss mill-kotba, iżda Juan Mamo kien jitgħallem ukoll meta jżur pajjiżi oħrajn fosthom Tuneż, l-Eġittu, l-Ingilterra u Franza. F'dawn il-pajjiżi huwa iltaqgħa ma' bosta ideat li setgħu kienu ġodda jew revoluzzjonarji għal Malta.

Juan Mamo kien qrib ukoll Manwel Dimech, u kien anki membru fix-Xirka ta' l-Imdawlin. Juan Mamo kien anke jibagħat ittri lejn Malta biex jagħti tagħrif dwar il-qadgħa li kien fiha Manwel Dimech meta dan ta' l-aħħar kien eżiljat fl-Eġittu fl-1921, Juan Mamo kien mar jaħdem hemm ukoll.

Wara l-mewt ta' Manwel Dimech, Juan Mamo ġie lura lejn Malta, fid-19 ta' Mejju 1923 Juan iżżewweġ lil Carmela Vella mill-Marsa fil-parroċċa tas-Santissma Trinità tal-Marsa. Huwa kien joqgħod fid-dar Numru 51 (illum 118) Triq Azzopardi Marsa minn fejn kien jikteb il-kotba u l-artikli tiegħu. Kellu anki ħanut ġewwa l-Ħamrun bl-isem 'The Mail Order Dealing and Company' fi Triq San Tumas li kien jużah ukoll bħala stamperija.



Ix-xogħlijiet tiegħu ivarjaw minn artikli żgħar sa kotba kbar. L-aktar xogħol magħruf huwa r-rumanz 'Ulied in-nanna Venut fl'Amerka'. Xogħlijiet oħra jinkludu l-kotba 'Giabra ta Sigrieti' u 'Obstetricia Illvstarata', il-manuskritt 'Two thousand six hundred and seventy-three Maxims, aphorisms, epitaphs, poems and other sayings or what the philosopher has told me before he died' u **żewġt ġurnali maħruġin** minnu 'Il ljun', u 'Il Fkir Malti' u bosta artikli oħra li kiteb huwa għal ġurnali oħra.

### Ulied'in-Nanna Venut fl'America

Il-ktieb 'Ulied' in-nanna Venut fl'Amerca' ġie ippublikat fis-sena 1930 mill-awtur Juan Mamo. Ma ħariġx mill-ewwel bħala ktieb sħiħ iżda l-ewwel ħareġ bħala faxxikoli. Il-ħsieb wara dan il-ktieb kien li jipprova mill-aħjar li jista' juri l-bżonn tat-tagħlim. Tagħlim li



jdawwal lill-poplu Malti, u jġib bidla fost niesna u b'hekk jeqred il-mostru, simbolu ta' l-injuranza. Tul dan il-ktieb hu jikkritika bl-aħrax lil kull min ma riedx li l poplu Malti jitgħallem u jimxi fid-dawl imma ried li jħallih fl-għama u b'hekk immexxih kif irid. Dan ir- rumanz ma nkitibx bil-ħsieb biex wieħed jaqrah biss għall-gost iżda wieħed għandu aktar jipprova jitħasseb bil-messaġġ li r-rumanz irid iwassal. Fl-istess ħin ir-rumanz jagħti stampa ċara tas-soċjeta' Maltija fil-bidu tas-seklu għoxrin. L-awtur fi kliemu stess juri l-ħsieb li jgħallem lill-poplu bħalma għamlu nies kbar għorrief qablu, fejn kitbu fuq is-sitwazzjonijiet ta' żminijiethom biex il-poplu jiftaħ għajnejh. Huwa stess iqabbel ir-rumanz tiegħu ma' dak ta' Michiel de Cerantes Saavedra: Dun Kixott fejn it-tnejn jipprovvaw jikxfu l-qerq ta' dawk li dehru twajba f'għajnejn il-popli rispettivi u biex dak li ħallewh fid-dlam ta' l-injoranza jintebaħ bl-iżbalji tiegħu.

**"Two thousand six hundred and seventy-three Maxims, aphorisms, epitaphs, poems and other sayings or what the philosopher has told me before he died".**

Dan huwa manuskritt bikri li Juan Mamo kiteb bl-Ingliż meta kien fl-Eġittu. Juan Mamo jintroduċi dan il-manuskritt billi jikteb daħla li fiha juri li hu kiteb dak li sema' mingħand Manwel Dimech; li hu meqjus bħala filosofu. Infatti jiftaħ il-manuskritt bil-kliem **"Dear friend Mamo"** bħallikieku waqt li Manwel Dimech qiegħed jgħallem jew jagħti l-pariri, Juan Mamo qiegħed jikteb.

Il-ħsibijiet ta' dawn iż-żewġ persuni huma viċin ta' xulxin u allura hemm xebħ kbir bejniethom. Il-versi fihom għerf kbir u dawn huma magħmulin minn kliem ħafif u b'eżempji li jiftehmu u li faċilment wieħed jieħu s-sugu tal-vers wara li jkun irrifletta fuqhom. Huma ġabra ta' għerf li jgħin lill-bnedmin jersqu aktar lejn it-tagħlim.

Dan il-manuskritt jidher li kien lest għall-pubblikazzjoni iżda qatt ma ħareġ. Jista' jkun li qatt ma ġie ppubblikat minħabba l-fatt li Manwel Dimech kellu ħafna għedewwa f'Malta li kienu jqumu kontra Juan Mamo jekk jippubblikah. Jew inkella Juan Mamo ma riedx jippubblikah iżda jżommu bħala kitba li jirreferi għaliha. Eżatt x'inhu l-ħsieb li kien se jsir mill-manuskritt ma nistgħux insiru nafu iżda l-importanti li wara aktar minn disgħin sena għadu jeżisti.

## 'Obstetricia Illvstrata'



Kien fl-1939, meta Juan Mamo ħareġ ktejjeb bl-isem ta' 'Obstetricia Illvstrata'. It-titlu huwa bil-Latin u bil-Malti insibuh ; 'Tgħarrif fuq it-twelid bil-qabla w it-tabib'. Dan il-ktejjeb ta' tmenin paġna huwa mimli b'mija u tnejn u sebgħin stampa li juru il-perjodi differenti minn meta mara tkun tqila sakemm dina twelled. Fl-istess ħin huwa kollezzjoni ta' stampi u tagħrif għal min kien jgħin lil mara twelled. Il-ktejjeb huwa miktub b'żewġ lingwi dik Ingliża u dik Maltija. Iżda l-prefazju huwa miktub bi tliet lingwi għax tiżdied dik Taljana. L-awtur ma jiktibx ħafna kliem iżda jħalli lill-istampi juru u jgħallmu lill-qarrejja. Juan Mamo jgħid ukoll li permezz ta' dal-ktejjeb jgħin biex jeqred l-injoranza ta' bosta li kienu jemmnu li **"meta ommhom xtrathom, marret ġebithom bil-lejl**

**mill-Aħ***rax tal-Mellieħa f'qartas minn qalb ix-xewk!".*

### 'Giabra ta Sigrieti - ta xebh-is-Sħarijiet, ta Misteri, ta Curżita, ta Arti u Industria, u Riċetti - Formuli ta l'Akbar ħtieġa'.

Dan il-ktieb ġie ppubblikat fl-1934. L-iskop ta' dan il-ktieb hu li ma jħallix nies li bi ftit sigrieti jaqilgħu kemxa flus minn fuq min jaħseb li dawn qed jagħmlu għeġubijiet jew xi maġija kbira. Kif jgħid hu stess dak iż-żmien min kien jaf xi ħaġa kien jara kif jużaha biex iqarraq bin-nies u sempliċi 'trick' jew ħeffa ta' l-idejn kien jgħid li dik kienet xi maġija u b'hekk jgħaġġeb lin-nies u jaqlagħha minn fuq darhom.

Dan il-ktieb jiġbor fih maġija u 'tricks', tagħrif kif il-fakiri (fire eaters) jieklu in-nar, misteri u kurżitajiet, sigrieti ta' arti u misteri dwar xogħlijiet, riċetti industrijali bħal kif tagħmel is-sapun, fih ukoll riċetti ta' tabib Ġermaniż J.B Lutterman dwar it-tabakk, riċetti li jfejqu minn mard tal-bnedmin u oħrajn li jfejqu lill-annimali. Hu ktieb ta' għerf li jirrifletti l-għerf kbir li kellu Juan Mamo f' diversi oqsma akkademiċi. Jidher ħafna l-għerf tiegħu fejn jidħlu mediċina u diversi kimiċi. Narawh ukoll bħala bniedem li studja ħafna u tgħallem ħafna dwar l-arti ta' snajja' u xogħlijiet.

### Żewġt ġurnali ppubblikati minnu 'Il Ljun' u 'Il Fkir Malti'

Fuq il-passi ta' Manwel Dimech, Juan Mamo beda ukoll xi ġurnali bil-Malti u minnhom jikkritika u jattakka lil min kien qed ikassbar li min hu batut. Fil-Bibljoteka Nazzjonali jinsabu żewġ sensieli ta' ġurnali maħruġa minn Juan Mamo. Jista' jagħti l-kas li Juan Mamo seta' ħareġ aktar ġurnali iżda hawn se nitkellem biss dwar dak li jeżistu fil-Bibljoteka Nazzjonali.

### 'Il Ljun'

Minn dan il-ġurnal fil-Bibljoteka Nazzjonali jinsabu biss tliet ħarġiet. Jista' jkun li Juan Mamo ħareġ tliet ħarġiet biss ta' dan il-**ġurnal jew inkella l-oħ**rajn intilfu jew qatt ma waslu l-Bibljoteka Nazzjonali. It-tliet ħarġiet li jeżistu l-Bibljoteka Nazzjonali jġibu id-dati tas-Sibt 9, 16, u 23 ta' Diċembru 1922. Il-**ġurnal kellu joħroġ** kull Sibt minbarra fil-btajjel.

Mall-frontispizju tidher l-istampa ta' l-iljun li b'qawwa kbira miexi lejn id-dawl biex jirbaħ lid-dlam. Kellu ukoll ixandar x'qal Manwel Dimech qabel ma miet u fil-fatt Juan Mamo ħa ħsieb biex isib xi poeżiji li kien tah l-istess Manwel Dimech.



### 'Il Fkir Malti'

Seba' xhur wara l-aħħar ħarġa li għandna ta' 'Il Ljun' insibu ġurnal ieħor mill-istess editur; 'Il Fkir Malti'. Dan il-**ġ**urnal jibqa' miexi fuq l-istess triq li beda il-**ġ**urnal ta' qablu u bl-artikli tiegħu jibqa' jattakka l-korruzzjoni u jiddefendi lill-fqir. L-ewwel ħarġa li għandha l-Bibljoteka Nazzjonali hija dik ta' nhar il-**Ħamis 19 ta'Lulju 1923 u l-aħħar ħarġ**a kienet dik ta' l-1 ta'Novembru 1923. Kienet toħroġ kull nhar ta' Ħamis.

Fl-ewwel ħarġa jfisser l-iskop tal-ġurnal. Mill-isem stess jidher li kellu jkun ta' difiża għall-foqra Maltin. Interessanti li fl-istess ħarġa

Juan Mamo juri li dan huwa ġurnal indipendenti u li ma kien jappartieni lil ebda partit politiku.

Il-ġurnal kien jidher li mexa mhux ħażin tant li beda jasal qalb l-emigranti Maltin. Infatti nsibu 2 ittri ppubblikati fil-ħarġa tas-27 ta' Settembru 1923 ; waħda minn Algericas fi Spanja u oħra minn Istanbul; Kostantinopli. Insibu oħra fil-ħarġa ta' l-4 ta'Ottubru 1923 mill-Alġier. Fl-ittri jidher li il-ġurnal kien qed jasal u dawn l-emigranti kitbulu biex jifirħulu u xi wħud offrew xi artikli li se jibagħtulu għall-ġurnal.

Rigward it-tmiem ta' dan il-**ġurnal ftit hemm xi tgħid, għ**aliex informazzjoni dwar dan m'hemm xejn iżda kienet komuni dak iż-żmien li bosta edituri jibdew ġurnali u wara xi żmien minħabba xi raġuni jieqfu mill-pubblikazzjoni.

Il-kitba tiegħu tirrifletti l-imħabba kbira li kellu Juan Mamo lejn il-foqra, imħabba lejn dawk li tħallew injuranti u fl-istess ħin jidher il-kuraġġ kbir li ma jibżax u sa l-aħħar ta' ħajtu jibqa' jiddefendihom.

**Konklużjoni**

Juan Mamo huwa l-bniedem kuraġġuż li jissielet b'mod sinċier u mingħajr interessi persunali għall-ġid tal-fqir u tal-batut. Il-kitba tiegħu idur ma dan il-**ħsieb li jaqbeż għad-dgħ**ajjef u jikkundana bl-akbar qawwa lil min qed iħallih dgħajjef. Il-mira ta' l-attakki tiegħu huma l-gvern Ingliż f'Malta, il-Kleru, u l-professjonisti. Jattakka lil dawn għaliex fihom jara l-għadu tal-poplu l-batut. Huma l-parassiti li joħonqu liż-żgħir. Huma kellhom l-obbligu li jgħallmu lill-poplu u minflok ħallewh injurant apposta. Ħallew injurant ħalli jiżżuffjettaw bih, jisirqulu flusu u jmexxuh kif iridu.

